MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**ELLUL ANTHONY**

Seduta ta' 25 ta' Settembru, 2002

Talba Numru. 1897/2001/1

**Maltacom plc**

**Vs**

**Falcon 2000 Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf erbgha mija u disgha u erbghin lira Maltija (Lm1,449), hlas ghal servizz moghti lis-socjeta konvenuta li jikkonsisti f'servizz ta' approvazzjoni ta' tip dwar taghmir tat-telekomunikazzjoni bejn it-3 ta' Settembru 1998 u t-30 ta' April 2001.

Ra r-risposta prezentata mis-socjeta konvenuta (fol. 8) u li permezz taghha eccepiet:

(1) It-tahrika ma saritx kontra persuna guridika u konsegwentement it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.
(2) L-attur m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mal-konvenut u kwindi t-talbiet tieghu ghandhom jigu michuda.
(3) L-attur ma esegwiex il-funzjonijiet li taghhom jista' jitlob hlas skond il-ligi.
(4) Bla pregudizzju ghall-premess, il-ligi tipprovdi ghal pagament ghal servizz ta' Type Approval biss. Ma jaghmilx sens legali apparti li huwa inekwu li jigi mitlub hlas kull darba li ssir importazzjoni ta' oggett li tieghu ikun diga' sar l-hekk imsejjah Type Approval.

Semgha x-xhieda li ressqu l-partijiet.

Ikkunsidra:

1. Jibda biex jinghad li m'ghadx hemm lok li tigi trattata l-ewwel eccezzjoni. Fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2002 it-Tribunal awtorizza korrezzjoni fl-isem tal-kumpannija konvenuta. Da parti taghha s-socjeta konvenuta filwaqt li rrimettiet ruhha ghat-talba, tat ruhha notifikata bil-korrezzjoni u zammet ferm l-eccezzjonijiet li gew sollevati fir-risposta a fol. 8 tal-process.

2. Fir-rigward tat-tieni eccezzjoni, it-Tribunal jaghmel ampja riferenza ghas-sentenza parzjali moghtija minnu fl-4 ta' Gunju 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Maltacom plc vs ICL Malta Limited** (Avviz numru 1847/01AE). It-Tribunal jikkonferma u jaddotta r-ragunament maghmul f'dik il-kawza u jiddikjara li tezisti relazzjoni guridika bejn il-partijiet. Ghalhekk anke din l-eccezzjoni hija michuda.

3. Fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2002, is-socjeta konvenuta ssollevat eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghab-bazi ta' l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili (Kap. 16). Dan l-Artikolu jipprovdi:

*"l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapan, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara, u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xogholijiet taghhom, jew tal-materjali li jfornu"*.

Is-servizz li ghalih qieghed jintalab il-hlas huwa dak li jissejjah bhala servizz ghall-Approvazzjoni ta' Tip ta' Taghmir. Permezz ta' l-Avviz Legali numru 219 ta' l-1998 (fuq rakkomondazzjoni tar-Regolatur tat-Telekomunikazzjoni), is-socjeta attrici giet rikonoxxuta ***"bhala esperta f'approvazzjoni ta' tip ta' taghmir ta' terminal ta' telekomunikazzjonijiet li jkun intiz li jigi mwahhal ma' l-infrastruttura taghha"***. Illi fil-fehma konsiderata tat-Tribunal, dan it-tip ta' servizz la huwa affini ghas-snajja li jissemmew fl-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili u lanqas jista' ragonevolment jigi inkluz fil-frazi *"ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika"*. Dan iktar u iktar meta wiehed izomm quddiem ghajnejh principju sagrosant f'materja odjuza ta' preskrizzjoni, li d-disposizzjonijiet relattivi ghandhom jigu nterpretati b'mod restrittiv. Ghalhekk din il-preskrizzjoni ma tigix applikabbli ghall-kaz odjern.

4. Ir-rapprezentant tas-socjeta attrici xehed fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2002 u kkonferma li l-hlas miltub huwa ta' tletin lira Maltija (Lm30) u l-VAT ghal kull darba li nghata s-servizz. Da parti tieghu r-rapprezentant tas-socjeta konvenuta (Sandro Lauri) xehed li:

- Il-merkanzija kienet tikkonsisti f'*modems*;

- Ma kienx f'posizzjoni li jghid sarux xi testijiet fuq l-apparat;

- Il-procedura normali kienet li qabel ma tigi rilaxxata l-merkanzija, il-burdnar jiehu d-dokumenti relattivi ghand is-socjeta attrici u din taghti timbru fuq id-dokumenti sabiex ikun jista' jinhareg ix-xoghol.

5. Skond l-Artikolu 26 tal-Att numru XXXIII ta’ l-1997 – *“ma jista’ jigi offrut ghall-bejgh, ipprovdut, installat jew uzat ebda apparat minn xi persuna kemm-il darba dan ma jkunx konformi ma’ xi standardi u specifikazzjonijiet teknici hekk kif jistghu jigu preskritti u kemm-il darba ma jkunx gie approvat individwalment jew skond approvazzjoni ta’ tip mir-Regolatur jew minn xi enti rikonoxxuta bhala esperta f’din il-haga li tkun giet awtorizzata mir-Regolatur sabiex taghti dik l-approvazzjoni jew tohrog approvazzjonijeit ta’ tip”*. Dan l-Artikolu gie emendat fis-sena 2000. Jirrizulta ghalhekk li sabiex apparat jigi offrut ghall-bejgh jew installat kellu jkun:

- konformi ma’ xi standardi u specifikazzjonijiet teknici hekk kif jistghu jigu preskritti (ara f’dan ir-rigward Artikolu 2 ta’ l-Avviz Legali numru 219 ta’ l-1998);

- approvat mir-Regolatur jew minn xi enti rikonoxxuta bhala esperta u awtorizzata mir-Regolatur sabiex tohrog approvazzjonijiet ta’ tip.

Mill-kliem ta’ Sandro Lauri stess jirrizulta kif xi tip ta’ servizz kien qieghed jinghata mis-socjeta attrici. It-Tribunal jemmen li anke l-fatt li kien jigi pprocessat l-inkartament da parti tas-socjeta attrici u jinghata timbru sabiex tigi rilaxxata l-merkanzija, fih innifsu jikkostitwixxi ghoti ta’ servizz. Certament, meta t-Tribunal jigi biex jiffissa l-hlas misthoqq, irid iqies ix-xoghol li jkun sar ghall-hrug ta’ l-approvazzjoni da parti tas-socjeta attrici.

6. L-Avviz Legali 220 ta’ l-1998 jistabilixxi d-dritt li ghandu jithallas lir-Regolatur ghas-servizz ta’ Approvazzjoni ta’ Tip dwar Taghmir tat-Telekomunikazzjoni. Pero’ m’hemm stabbilit ebda dritt ghal min, bhas-socjeta attrici, kien qieghed jaghmel dan ix-xoghol bhala espert mahtur in forza ta’ l-Artikolu 26 ta’ l-Att XXXIII ta’ l-1997. Wiehed ma jistax jippretendi li l-

ghoti tas-servizz min-naha tas-socjeta attrici ghandu jkun minghajr hlas. Lanqas ma jista' jinghad li ma kienx qieghed jinghata servizzm, u dan peress li minghajr l-awtorizazzjoni mahruga mis-socjeta attrici ma setatx tigi rilaxxata l-merkanzija. Il-principju *omne labor optat premium* japplika anke f'dan il-kaz. Gialadarba d-dritt dovut lis-socjeta attrici ma giex iffissat b'ligi u lanqas ma jirrizulta li bejn il-kontendenti sehh ftehim dwar il-hlas, huwa mholli ghat-Tribunal li jiffissa l-hlas misthoqq wara li jqies ic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz.

7. Il-hlas li qieghed jintalab f'dawn il-proceduri jirreferi ghall-perjodu mid-9 ta' Settembru 1998 sas-17 ta' Marzu 2000 (ara Dok. SL1 a fol. 17).

8. Is-socjeta attrici kkonfermat li qeghda tippretendi hlas ta' tletin lira Maltija (Lm30) u l-V.A.T. fuq dan l-ammont, liema hlas jirreferi ghal kull servizz moghi fid-dati differenti ndikati fid-dokument SL1 (fol. 17). Pero' ma ressqet l-ebda prova tal-entita ta' xoghol li sar f'dan il-kaz partikolari. F'dawn ic-cirkostanzi t-Tribunal qieghed *arbitrio boni viri* u ghab-bazi ta' l-ekwita jiffissa s-somma ta' erbgha mitt lira Maltija (Lm400) bhala hlas dovut lis-socjeta attrici. Meta gie biex jiffissa din is-somma, it-Tribunal qies ukoll il-fatt li mid-dokument SL1 (fol. 17) jirrizulta li kien hemm okkazzjonijiet meta s-socjeta attrici kienet importat l-istess tip ta' prodott. Ezempju fil-kaz ta' fax modem (56K) tal-marka Rockwell, bid-dati tas-7 ta' Awwissu 2000; 24 ta' Ottubru 2000, 15 ta' Novembru 2000, u 26 ta' Frar 2001. Ghalkemm it-Tribunal jemmen li f'dawn il-kazijiet xorta kien qieghed jinghata servizz ta' l-Approvazzjoni ta' Tip, l-entita ta' xoghol involut kien fil-fehma tat-Tribunal limitat mehud in konsiderazzjoni li kien qieghed jigi mportat l-istess tip ta' prodott f'perjodu hekk qasir.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta konvenuta u jilqa' t-talba limitatmaent ghas-somma ta'

erbgha mitt lira Maltija (Lm400), bl-imghax jiddekorri mil-lum.

L-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**